

Brussell, 13 ta' Settembru 2024
(OR. en)

12408/24

CO EUR-PREP 19

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (17 u 18 ta' Ottubru 2024) – Abbozz ta' aġenda annotata

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Preidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

I. UKRAJNA

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna fid-dimensjonijiet kollha tagħha u l-appoġġ komprensiv tal-Unjoni għall-Ukrajna u l-poplu tagħha.

II. LVANT NOFSANI

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani.

III. KOMPETITTIVITÀ

Il-Kunsill Ewropew ser jieħu kont tar-rapport minn Mario Draghi dwar "Il-futur tal-kompetittività Ewropea" u ser ikollu l-ewwel skambju ta' fehmiet dwaru.

Il-Kunsill Ewropew ser jiġi mistieden japprova r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi integrati u jikkonkludi s-Semestru Ewropew 2024.

IV. PUNTI OĦRA

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa t-tnejn għal-laqgħat tal-COP29 dwar it-tibdil fil-klima f'Baku, l-Ażerbajġan u tal-COP16 dwar id-diversità bijoloġika f'Cali, il-Kolombja.

Fid-dawl tal-avvenimenti, il-Kunsill Ewropew jista' jindirizza kwistjonijiet speċifiċi oħra ta' politika barranija, inkluż is-sitwazzjoni fil-Georgia u l-Moldova.

p.m.: migrazzjoni

p.m.: sigurtà u difiża
